# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Gimgha 2 ta` Settembru 2016**

**Rikors Nru. 304/16 JZM**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino, avukat (detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 555482M) bhala mandatarju specjali ta` Marsoft International A/S, socjeta` registrata fin-Norvegja bin-numru 937 657 927 u b`indirizz registrat ta` Inkognitogata 33A, 0256 Oslo, fin-Norvegja**

***kontra***

**1. Vroon Containers B.V. socjeta` registrata fl-Olanda bion-numru 22055081 u b`indirizz registrat ta` Haven Wsetzijde 21, 4511 AR Breskens, fl-Olanda**

***u***

**2. Balticmax Holding Company Limited (C-70765)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors promotur, li kien prezentat fl-14 ta` April 2016, fejn ir-rikorrent noe (minn issa `l quddiem se jkun maghruf bhala "**Marsoft**"), ghar-ragunijiet li indika, u wara li riferenza ghall-Art 402 tal-Kap 386, talab lill-Qorti sabiex –

*taghmel ordni li jirregola t-tmnexxija tal-affarijiet tal-kumpannija inkluz (minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta` din it-talba) illi tahtar persuna ndipendenti sabiex tiddefendi u thares adegwatament l-interessi tas-socjeta` Balticmax Holding Company Limited (C70765) u tmexxi l-affarijiet tal-istess socjeta`.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezenta Av. Dr. Jean-Pie Gauci-Maistre bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Vroon Containers B.V. (minn issa `l quddiem se jkun maghruf bhala "**Vroon**") fit-12 ta` Mejju 2016 fejn, ghar-ragunijiet li ndika, cahad li l-mandanti tieghu mxiet fil-konfront ta` Marsoft b`imgieba li taqa` fil-kwadru tal-Art 402(1) tal-Kap 386.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta ta` Vroon.

Rat ir-risposta li pprezentat l-intimata l-ohra (minn issa `l quddiem se tkun maghrufa bhala "**BHC**") fis-17 ta` Gunju 2016.

Rat id-dokumenti li pprezentat BHC mar-risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta` Lulju 2016 fejn *inter alia* nghad hekk :-

*Id-difensuri tal-partijiet … tkellmu bejniethom u qablu illi bla pregudizzju ghac-cirkostanzi li wasslu ghal dan il-procediment, qeghdin jaqblu illi l-Qorti taghti interim order fejn tkun hi li tahtar it-tielet direttur tal-kumpannija Balticmax Holding Company Limited sabiex il-kumpannija tkun tista` tkompli bl-operat taghha minghajr xkiel …*

Rat illi fl-istess udjenza, irriservat li tipprovdi kameralment.

Rat in-nota li pprezentat Marsoft fil-31 ta` Awissu 2016.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Fir-rikors li bih kienet promossa l-kawza, il-kumpannija rikorrenti allegat li bejn il-kontendenti sehhew fatti li jaghtu lok ghal dikjarazzjoni affermativa mill-Qorti fl-ambitu tal-Art 402(1) tal-Kap 386. Ghalhekk saret talba ghal rimedju abbazi tal-Art 402(3) tal-Kap 386.

Fir-risposti taghhom, l-intimati kkontestaw li graw fatti li jaghtu lok ghal pronunzjament mill-Qorti favorevoli ghar-rikorrenti abbazi tal-Art 402(1) tal-Kap 386.

Bhala fatt il-gbir tal-provi dwar il-mertu tal-kawza ghadu ma bediex.

Fl-istess waqt, kif jixhed il-verbal tal-udjenza tal-5 ta` Lulju 2016, ghalkemm il-partijiet baqghu fermi fuq il-posizzjoni taghhom ghall-iskopijiet tal-Art 402(1) tal-Kap 386, urew disponibilita` li jinghata *interim order* mill-Qorti li jissarraf fil-hatra ta` direttur iehor fil-bord tad-diretturi ta` BHC.

**Ikkunsidrat :**

**Ghall-fini ta` kjarezza, u b`turija ta` rispett lejn il-posizzjoni li hadu l-partijiet dwar il-mertu tal-kawza, din il-Qorti trid tqieghed car il-punt illi ghalkemm fil-provvediment taghha tal-lum hija sejra tirreferi ghall-Art 402 tal-Kap 386, dan sejra taghmlu unikament sabiex tindirizza l-kwistjoni tal-ghoti tal-*interim order* u ghalhekk l-ghoti eventwali ta` *interim order* m`ghandux jiftiehem illi l-Qorti qeghda tippronunzja ruhha wkoll dwar il-mertu tal-kwistjoni bejn il-**

**partijiet, ghaliex dwar il-mertu l-Qorti ghad trid tisma` l-provi u tiddeciedi jekk ikun il-kaz.**

**Ikkunsidrat :**

**<u>In linea generali</u>**, l-azzjoni skont l-Art 402 tal-Kap 386 tigi promossa minn membru kontra l-persuna tad-diretturi ta` kumpannija, kontra l-kumpannija stess, u gieli kontra l-membri l-ohra, in relazzjoni ma` allegati atti jew omissjonijiet ta` l-kumpannija li jkunu jew x'aktarx ser ikunu oppressivi b'mod mhux gust, diskriminatorju kontra jew b'mod mhux gust jew ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'xi mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.

Bl-Art 402 tal-Kap 386, membru ta` kumpannija jitlob harsien tad-drittijiet tieghu fejn ma jistax ikollhom kontroll ghax ikun fil-minoranza jew ghax ikun soggett ghar-rieda ta' l-membri l-ohra. Din il-protezzjoni tapplika ghall-membru kemm jekk ikun rapprezentat permezz ta' direttur u kemm jekk le. In-nuqqas ta' rappresentanza fit-tmexxija ta' kumpannija mhux *per se* att ta` oppressjoni, ingust jew diskriminatorju. Il-protezzjoni gudizzjarja ta' l-membru hija fis-sens li min b`xi mod ikollu kontroll fuq l-ishma ta` kumpannija ma jikkommettix atti li jopprimu b`mod ingust u diskriminatorju lil min jippossjedi ishma ohra.

Dwar l-Art 402 tal-Kap.386, din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza taghha tat-13 ta` Mejju 1999 fil-kawza "**<u>Monreal et vs Delia noe</u>**" qalet hekk -

*Dawn il-provvedimenti huma ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonista ta' socjeta` kummercjali. Kull azzjonista, anke jekk hu minoritarju, ta' socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista' jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f'kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista' jsofri xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpannija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonista li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti …*

**Ikkunsidrat :**

L-Art 402 tal-Kap 386 huwa ispirat mhux minn koncetti legalistici izda minn principji ta' ekwita` u ta` gustizzja li jirrikonoxxu interessi u aspettativi li jmorru oltre l-istatut tas-socjeta` jew addirittura tal-ligi stess.

Fil-Kapitolu 16 (minn pag 959 sa 1029) tal-ktieb **"Principles of Maltese Company Law"** (Malta University Press – 2007) **Andrew Muscat** jittratta s-suggett ta` *Statutory Shareholder Remedies : Unfair Prejudice and Winding Up.* Minn pag 997, jittratta *Remedies available under article 402.* In partikolari, iqis dawk maghrufa bhala *interim orders* u jghid hekk –

*Before examining the different types of order that can be made by the court, a preliminary question should be considered : whether a court may issue an interim order pending final judgement. The position in English law is that English courts do, where appropriate, have the power to issue interim orders – usually orders for payment on account or orders designed to preserve the status quo. The Maltese Companies Act is silent on the question of whether a court, seized of an issue under article 402, is entitled to issue an interim order. Nor does any jurisdiction result from any general provision in the Code of Organisation and Civil Procedure. It is significant that where the legislator wished to grant to a court the power to make interim orders, the legislator did so by express provision, as with the power of the court to issue a "provisional order" under article 37(5) of the Merchant Shipping Act (prohibiting dealings in a ship until the court definitely decides on the merits) and the power of the court to initially issue a warrant of prohibitory injunction for an "interim period" under article 873(7) of the Code of Organisation and Civil Procedure. In practice, situations may sometimes arise where the issue of an interim order would be necessary to protect the interests of the complainant or of the company. The introduction of an amendment to article 402 would allow the court to issue interim orders would be another helpful tool in the court`s arsenal against oppressive, unfairly prejudicial or unfairly discriminatory conduct ...*

**Ikkunsidrat :**

**Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Art 402 tal-Kap 386 kif dedott ma jipprekludix lill-qorti milli fejn jidhrilha gust u ekwu, u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta` kull kaz, u fil-pendenza ta` rimedju definittiv (jekk ikun il-kaz), taghti rimedji temporanji (u allura**

***interim*) sabiex sitwazzjoni – possibbilment diga` prekarja u insidjuza ghas-sussistenza *stessa* tal-kumpannija – ma tipprecipitax ghall-aghar b`konsegwenzi negattivi rreversibbli.**

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Vella et vs Vella Brothers Limited et**" meta kkonfermat id-decizjoni fl-Ewwel Istanza -

*Il-hsieb wara dan l-artikolu* (u cioe` l-Art.402) *huwa li jiftah l-iskop ta' intervent da parti mill-Qorti, u din il-Qorti tkun qed taghmel "disservice" lill-azzjonisti minoritarji jekk tkun hi li terga taghlaq parzjalment il-bieb li fetah il-legislatur bl-Artikolu 402. Bis-sahha ta' dak l-artikolu, il-Qorti tista' taghti dak ir-rimedju li jidhrilha li jkun opportun, inkluz allura, rimedji u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija. Ovvjament, dan ma jfissirx li r-rimedju mitlub se jinghata, ghax il-Qorti ghad trid tisma' l-provi u t-trattazzjoni dwar il-kwistjoni li nqatghet, imma l-Qorti hi tal-fehma li rimedju jista' jinghata …*

Din il-Qorti sejra taghmel taghha dan l-insenjament, ghax tghid illi ghandha kull jedd a tenur tal-Art 402 li taghti ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-*istatus quo* sakemm tigi mistharga l-kwistjoni bejn l-azzjonisti jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija.

**Ikkunsidrat :**

Dan premess, u tenut kont tal-assjem, il-Qorti tqis illi l-hatra tat-tielet direttur tal-kumpannija BHC **minnha stess**, almenu fl-istadju attwali bhala mizura *interim*, hija vitali u allura necessarja ghall-esistenza *stessa* tal-kumpannija.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taghti mizura *interim* billi :**

**Ghaz-zmien kollu li tibqa` pendenti din il-kawza, u b`effett mil-lum, qeghda tahtar lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala direttur iehor tas-socjeta` intimata Balticmax Holding Company Limited, bis-setghat u bid-dmirijiet kollha li jirrizultaw kemm mill-istatut tas-socjeta` u kif ukoll mil-ligi.**

**Tidderiegi lid-direttur Avukat Dottor Richard Galea Debono sabiex - b`kura u diligenza - jikkonserva, jipprotegi u jhares l-interessi tas-socjeta` Balticmax Holding Company Limited.**

**Tordna lid-direttur Avukat Dottor Richard Galea Debono sabiex ghaz-zmien kollu li jibqa` direttur tas-socjeta` Balticmax Holding Company Limited jassikura li hadd mill-membri taghha ma jbati l-ebda xorta ta` oppressjoni, pregudizzju jew diskriminazzjoni.**

**Tordna illi provvizorjament kwalsiasi drittjiet u spejjez li jkunu dovuti lid-direttur li qeghda tahtar llum jithallsu mis-socjeta` rikorrenti, liema spejjez u drittijiet ghandhom jigu definiti fil-gudizzju finali dwar il-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**